# ...U ALLA JSIKKET LIL DAN ĦSIEBI....

Għaliex dan-niket ħiemed
li jgħawwar ġewwa sidri?
Henjin u godlijin
iż-żewġ gidien ifrieħ ta' ħajti
jitqabbżu ġol-widien.
U fjur ifuħ f'irdum fuqan
imħabbet marti lejja
w tiegħi lejha...
U fis ilgħaqt it-trab ta' l-art
imbikki u sogħbien
x'ħin dgħajjef ħlift u dnibt qatigħ.
Għaliex immela dad-dlam fir-ruħ
li jsewwed ħsiebi għall-għarrieda?
Għaliex waħdi sakkartni
ja Alla, ma' beżgħati?
Għaliex ma nsibx f'dil-agunija
fir-ruħ il-kelma wennisija?

Għaliex?
Bil-fors li l-mewt trid minni
ħasda kmieni kmieni.
Inħossni qed nagħrafha
titħaxwex wara biebi.
Inħossni qed nismagħha
f'skiet kiefer f'nofs lejl kiebi,
u Alla jsikket lil dan ħsiebi
sa jifdal biss
ta' ġismi u din ruħi
wliedi.

*Paul P. Borg*